**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gurisdizzjoni Superjuri**
**Sezzjoni Generali**

**Magistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D, LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, 9 ta' Gunju 2020**

**Rikors Guramentat numru:- 40/2013 BS**

**Erremme Business Advisors Ltd**

**vs**

**All Seasons Holidays Ltd**

Il-Qorti;

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta' attrici illi ppremettew:

1. *Illi fil-perjodu bejn Jannar u Dicembru 2012, hija giet inkarigata mid-diretturi tas-socjeta' konvenuta sabiex taghti servizzi ta' natura business advisory lis-socjeta' konvenuta, li jinkludu fost ohrajn servizzi bhal accounting, tax planning, training ghall-impjegati tas-socjeta' konvenuta u servizzi relatati, u dana bl-iskop illi tghin lis-socjetà konvenuta fin-negozju taghha peress illi dina kienet ghaddejja minn zmien difficli;*

2. *Illi dawn is-servizzi kienu jinkludu xoghol ta' natura li kien jirrikjedi li d-diretturi u mpjegati tas-socjetà attrici jitilghu Ghawdex b'mod regolari, bi spejjez konsiderevoli kif ukoll tehid ta' hafna zmien, sabiex jitwettqu l-konsultazzjonijiet mehtiega; dan dejjem kien isir fuq inkarigu mis-socjetà konvenuta jew id-diretturi taghha fuq talba personali; Diversi drabi ngibdet l-attenzjoni li certu xoghol jista' jsir min Malta imma s-socjeta' konvenuta nsistiet li jsir Ghawdex;*

3. *Illi l-bilanc dovut huwa ta' erbgha u ghoxrin elf u mija u hamsa u disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€24,195.68) - Ara l-anness prospett immarkat 'Dok EBA 1';*

4. *Illi s-socjetà konvenuta jew id-diretturi taghha qatt ma lmentaw mis-servizzi rezi mis-socjetà attrici jew ipprotestaw xi kont jew qajmu xi mistoqsija dwar il-kontenut ta' xi fattura jew prospett, li gew provduti regolarment, ghajr darba wahda izda wara kienu ddikjaraw illi d-dubji kienu gew rizolti; anzi, id-diretturi tas-socjeta' attrici baqghu jitolbu aktar konsultazzjonijiet u aktar servizzi, izda wara, minghajr ebda raguni valida fil-ligi u minghajr spjegazzjoni lis-socjeta' attrici, dawn waqfu milli jhallsu;*

5. *Illi in buona fede, is-socjetà attrici kompliet trendi dawn is-servizzi sabiex ma thallix lis-socjetà konvenuta u d-diretturi taghha minghajr konkluzjoni jew b'xoghol mhux komplut,*

*u dana wkoll minhabba r-relazzjoni kummercjali bejn il-partijiet u ghaliex is-socjeta' konvenuta kellha fiducja fid-diretturi tas-socjeta' konvenuta li baqghu jassiguraw lis-socjeta' konvenuta li kienu ser jithallsu; izda kellha twaqqaf dawn is-servizzi meta dina rat li kienu akkumulaw bilanci kbar minghajr ma kien qed isir ebda pagament - jew ghall-inqas, ebda pagament sostanzjali;*

6. *Illi fil-fatt, id-diretturi tas-socjeta' konvenuta wkoll assiguraw lis-socjeta' attrici illi kienu ser ihallsu l-ammonti dovuti jekk jirnexxielhom jakkwistaw facilitajiet finanzjarji mill-bank (u cjoe' self jew forma relatata ta' facilita' bankarja), u ghalhekk is-socjeta' konvenuta kompliet trendi servizzi lis-socjeta' attrici ghaliex fdat l-intenzjoni dikjarata tad-diretturi illi kienu ser ihallsu; il-facilita' bankarja fil-fatt inghatat lis-socjeta' konvenuta, izda l-hlas baqa' ma sarx;*

7. *Illi f'waqt wiehed, meta s-socjetà attrici wissiet lis-socjeta' konvenuta dwar id-dewmien fil-hlas, is-socjetà konvenuta bdiet tikkontesta xi ammonti murija fil-fatturi u fil-prospetti u ghamlet mess-in-xena shiha dwar is-servizz moghti lilha, wara li kienet gawdiet mill-beneficcji li wassal ghalihom l-istess servizz moghti lis-socjetà konvenuta;*

8. *Illi bhala business advisors, is-socjetà attrici kienet taf li xi s-socjetà attrici kellha xi introjtu, l-aktar matul il-perjodu tas-sajf; izda d-diretturi xorta naqsu milli jhallsu, u dana minkejja wkoll illi kellhom jibdew imqar billi jhallsu ammonti mhux kontestati; illi dan kollu sar b'qerq, ghaliex id-diretturi komplew jitolbu u jircievu servizzi minghajr ma ndikaw li ma kellhom qatt intenzjoni li jhallsu;*

9. *Illi minhabba dan il-qerq, id-diretturi konvenuti ghandhom jinzammu responsabbli flimkien mas-socjetà konvenuta ghal dawn id-djun kuntrattati f'isimha, ghaliex ma misshomx komplew itellghu l-kontijiet u jircievu servizzi jekk ma kellhom ebda intenzjoni, jew hasbu li s-socjetà konvenuta ma kellha ebda possibbiltà prevista, li dawn id-djun jithallsu;*

10. *Illi, interpellati inutilment, la s-socjetà konvenuta u lanqas id-diretturi ma hallsu l-ammonti dovuti lis-socjetà u ghalhekk kellha tinfetah din il-kawza.*

*Talbu lil din l-Onorabbli Qorti:*

1. *Tordna u tiddikjara lis-socjetà konvenuta debtrici fil-konfront tas-socjetà konvenuta ghall-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf u mija u hamsa disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€24,195.68) ghal servizzi rezi lilha fuq talba taghha stess;*

2. *Tordna u tiddikjara li minhabba qerq da parti taghhom, id-diretturi konvenuti responsabbli ghal dan l-ammont fl-istess grad bhas-socjetà konvenuta;*

3. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu l-ammont ta' erbgha u ghoxrin elf u mija u hamsa disghin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€24,195.68) fi zmien qasir u perentorju;*

4. *Tordna lill-konvenuti jew min minnhom ihallsu interessi bir-rata massima fil-ligi ai termini tal Artikolu 26E et seq tal-Kap 13 mid-data ta' kull fattura sad-data ta' l-eventwali hlas;*

5. *Taghmel kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq.*

**Rat ir-risposta guramentata tas-socjeta' konvenuta illi ppremettew**:

1. *Illi s-socjeta' eccipjenti m'ghandhiex taghti l-ammont mitlub;*

2. *Illi s-socjeta' eccipjenti kienet ghamlitha cara qabel ma gie pprezentat ir-rikors guramentat li ma kinitx qeghdha taqbel mal-kont ipprezentat lilha mis-socjeta' attrici, li kien hemm diskrepanzi sostanzjali, u li ma kinitx lesta li thallas ghal servizzi li ma sarux, jew li taghmel tajjeb ghall-hlasijiet u spejjez mhux misthoqqa, somom li thallsu u li baqa' ma ttehidtx kont taghhom mill-attur u li l-esponenti qed tintalab terga' thallas mill-gdid, u li jitnaqqas ukoll mill-kont dak il-hlas dovut lis-socjeta' eccipjenti ghal servizzi li gew ipprovduti fil-lukanda u li ma kien hemm ebda ftehim li dawn is-servizzi jinghataw b'xejn jew fuq bazi komplimentari. Ikun x'ikun l-ezitu ta' din il-kawza in kwantu l-kawza hija diretta kontra l-eccipjenti dak hawn migjub ghandu bla dubbju jirrifletti ruhu fil-kap tal-ispejjez kemm-il darba jirrizulta li ghandu mill-haqq u mis-sewwa;*

3. *Illi d-diretturi tal-kumpannija konvenuta mhumiex ser jawtorizzaw li jsir hlas mill-kumpannija li genwinament jemmnu li mhuwiex misthoqq minghajr ma jkunu qeghdin imorru kontra l-interessi tal-istess kumpannija, u f'ebda waqt u bl-ebda mod m'agixxew b'qerq kif qeghdin jigu akkuzati ngustament mis-socjeta' attrici, u mhuwiex gust li d-diretturi jigu akkuzati b'qerq meta huma lanqas biss m'huma jew gew citati partijiet fil-kawza biex jiddefendu ruhhom jew il-pozizzjoni taghhom. Ghaldaqstant ma jista' jkun hemm ebda ordni jew dikjarazzjoni ta' kundanna fil-konfront tad-diretturi tal-kumpannija meta d-diretturi personalment mhumiex u ma gewx citati bhala parti jew partijiet fil- kawza, u ghaldaqstant it-talbiet in kwantu huma diretti kontra d-diretturi personalment ghandhom jigu michuda bl-ispejjez;*

4. *Salvi twegibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt*

*Bl-ispejjez inkluzi tar-risposta tat-3 ta' Mejju 2013, ghall-ittra ufficjali 215/2013, tal-mandat ta' sekwestru 64/2013, u tar-Rikors numru 64/2013 kontra s-socjeta' attrici.*

Rat illi din il-kawza giet institwita fl-2013 u nstemghet fil-maggor parti taghhha minn din il-Qorti kif diversement ippreseduta u giet assenjata lil din il-Qorti kif attwalment preseduta f'Gunju 2019.

Rat ix-xhieda kif ukoll id-dokumenti kollha esebiti fl-atti

Gharblet il-provi kollha li tressqu quddiemha.

Rat illi il-partijiet minkejja illi gew akkordati zmien sabiex jissottmettu in-nota ta' osservazzjonijiet naqsu li jaghmlu dan u ghalhekk din il-Qorti ghaddiet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat.**

**It-Talba u d-Difiza.**

Illi s-socjeta attrici f'din il-kawza qed titlob illi s-socjeta' konvenuta thallasha ghas-servizzi rezi minnha. Dawn is-servizzi kienu nizjalment ta' "*accounts*" u "*book keeping*" izda mal-hin zdiedu wkoll konsulenza finanzjarja u manigerjali[1]. Is-socjeta' konvenuta laqghet ghal din it-talba billi nsistiet li ammont dovut huwa eccessiv, u dan minhabba li s-socjeta' attrici kienet negligenti fil-qadi ta' dmirijietha u minhabba f'hekk l-istess socjeta' wehlet diversi multi, batiet diversi danni u dan minbarra l-fatt illi l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici jinkorpora fih ammonti ta' flus illi ntefqu minn haddiema tas-socjeta attrici f'ikel, xorb, akkomodazzjoni fil-lukanda u tragitti bil-vapur bejn il-gzejjer, liema ammonti m'ghandhiex taghmel tajjeb ghalihom is-socjeta' konvenuta.

**Il-Provi.**

Fid-dawl tat-talbiet tas-socjeta' attrici l-Qorti trid l-ewwel nett tanalizza r-relazzjoni guridika ta' bejn il-partijiet ghax dik hija l-pedament illi fuqu nbena l-insegwitu ta' bejniethom. Matul il-prosegwiment tal-kawza gewipprezentati zewg kuntratti. L-ewwel kuntratt igib id-data 1 ta' Dicembru, 2011[2] fil-waqt li t-tieni kuntratt igib id-data 1 ta' Frar, 2012[3]. Il-Qorti tinnota izda, illi ebda wiehed minn dawn iz-zewg kuntratti ma huwa debitament iffirmat mill-partijiet f'din il-kawza u ghalhekk il-kontenut taghhom ma jorbot lill-ebda wahda minnhom. Jista' madankollu jintuza sabiex jitfa' dawl fuq x'kienu l-hsibijiet tal-partijiet rigward ir-relazzjoni kontrattwali illi kienet qed tevolvi bejniethom.

Bhala punt ta' tluq jibda biex jigi osservat illi, di regola, fil-konvenzjonijiet ordinarji l-kontraenti jaslu ghall-formazzjoni taghhom, skont il-principji ta' liberta' u awtonomija, bil-partecipazzjoni ta' trattattivi esprimenti l-volonta' negozjali taghhom. Ukoll f'dik il-fazi pre-kontrattwali ghandha parti sinjifikattiva l-bwona fede tal-kontraenti, intiza din bhala dak id-dover li l-partijiet jinformaw lil xulxin b'dawk l-elementi ta' intendiment aktar preciz u ezatt tal-kuntratt li jkun ser isir.

Rigward din il-fazi prekontrattwali jirrizulta u dan mid-dokument ipprezentat mill-abbli difensur tas-socjeta' attrici, waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 li s-socjeta' attrici permezz ta' e-mail ghamlet tliet proposti lis-socjeta' konvenuta liema proposti kienu tliet pakketti differenti ta' hlas ghas-servizzi illi kienu ser jinghataw. Dawn il-proposti saru fit-12 ta' Novembru, 2011 u kienu ndirizzati lil Charmaine Vella, wahda mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta. Jidher illi t-trattattivi komplew fis-sena 2012 u

[1] Xhieda in kontro ezami ta' Reuben Buttigieg fis-seduta tat-12 ta' Gunju, 2018.
[2] A fol.153 tal-process.
[3] A fol.149 tal-process.

fl-1 ta' April, 2012 meta Dr. Renzo Pace Axiaq wiegeb lil Reuben Buttigieg. Dan ta' l-ahhar irrisponda fit-2 ta' April, 2012 fejn minghajr ekwivoku irrifjuta l-proposta illi jithallas €800 u l-VAT kull xahar liema somma tkun tkopri s-servizzi kollha. Jikkonferma illi r-rata ta' partner hija €100 is-siegha u li matul ix-xahar ta' Marzu kien diga' ta lis-socjeta' konvenuta madwar 40 siegha f'xoghol. Ikompli jghid illi kien ser ikollu jibghat lil xi hadd sabiex jaghmel xoghol in situ liema xoghol ma kienx koperta bir-rata kkwotata u li ghalhekk kien qed jippretendi li jithallas extra tieghu. Huwa talab lil Dr. Pace Axiaq jirrispondieh sabiex jikkonfermalu l-accettazzjoni. Il-Qorti ma rat ebda korrispondenza da parti ta' dan id-direttur jew xi Direttur iehor, illi tirribatti l-proposta illi saret minn Reuben Buttigieg. Barra minn hekk jirrizulta illi x-xoghol thalla jitkompla u ma hemm ebda ittra jew kommunikazzjoni da parti ta' xi Direttur tas-socjeta' konvenuta illi twaqqaf lis-socjeta' attrici milli tkompli tespleta l-inkarigu moghti minnha. Ghalhekk il-Qorti tqis illi b'dan is-silenzju u il-fatt illi halliet ix-xoghol ghaddej minghajr oppozizzjoni is-socjeta' konvenuta ma kenitx qed tikkontrasta l-kontenut ta' dik il-kommunikazzjoni.

Barra minn hekk fil-gurisprudenza nostrana gie ritenut illi **".. ma jistax ikun dubitat illi kull att jippresupponi manifestazzjoni ta' volonta'. Manifestazzjoni din li tista' tkun kemm espressa kif ukoll tacita, basta li f'dan l-ahhar kaz il-fatti li jikkonkorru ghaliha jkunu univoci. Hekk ad ezempju, tali manifestazzjoni tacita tista' tkun estratta minn semplici dikjarazzjoni verbali tal-parti jew minn certa mgieba tieghu**" [4]

Evidentement, il-kwestjoni preponderanti taggira fuq dan il-ftehim tacitu sopravenjenti bejn il-partijiet li ghall-analizi tac-cirkostanzi li fih sehh wiehed izomm in mira fl-apprezzament il-kredibilita' tax-xhieda.

Huwa minnu wkoll illi nizjalment il-linja ta' difiza illi kienet qed taddotta is-socjeta' konvenuta kien illi ma kienx hemm kuntratt iffirmat bejnha u bejn is-socjeta' attrici, il-Qorti izda tinnota illi a mano li l-kawza bdiet tevolvi din il-linja ta' difiza giet abbandunata u minflok l-enfasi daret fuq ix-xoghol illi allegatament ma sarx skont l-arti u s-sengha mis-socjeta' attrici kif ukoll li l-ammont pretiz kien eccesiv. Irid jinghad illi skont wiehed mid-Diretturi tas-socjeta' konvenuta, Dr. Renzo Pace Axiaq:

*"Mela prattikament bdejna nkellmunhom f'Ottubru tal-elfejnu hdax (2011) u x-xoghol prattikament beda f'Marzu tal-elfejnu tnax (2012) u baqa sejjer sa Ottubru, sal-ahhar ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012).*

*.....Fl-fatt fl-istatements li baghat ovvjament l-accounts hemm il-mizati li bdew minn Marzu sa Ottubru vuoldiri hemmhekk qed naqblu ghall-pagament ta' tliet mija u tletin ewro u erbghin centezmu fix-xahar inkluz il-VAT, u l-konsulenza ghall-ewwel xahar ta' Marzu giet parzjalment ridotta kwazi b'mitt ewro ghax vuoldiri kien ma kienx beda vuoldiri kien tilef l-ewwel gimgha. ....prattikament minn April sa Ottubru x-xoghol ta' konsulenza kienet qed issir".*[5]

[4] Environmental Management Design and Planning Limited vs Carmel sive Charles Bugeja, Appell Civili, deciza 15 ta' Novembru 2006
[5] Xhieda ta' Dr. Renzo Pace Axiaq, Seduta 3 ta' Novembru, 2015, a fol. 136 tal-process.

Minn din ix-xhieda jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta ma kellha l-ebda problema jew oggezzjoni ghall-fatt illi s-socjeta' attrici kienet qed tipprestalha s-servizzi ta' accountancy u konsulenza. Dr. Pace Axiaq anzi jikkonferma illi dawk is-servizzi kienu qed jinghataw lis-socjeta' attrici. Minn dan isegwi ghalhekk illi gia la darba s-socjeta' konvenuta qed tircievi u konsegwentement taccetta s-servizzi rezi lilha jinsorgi l-obbligu taghha illi thallas dak dovut minnha. Ghalhekk din il-Qorti in vista tal-kontestazzjoni da parti tas-socjeta' konvenuta, ser ikollha tindaga u tistharreg tali nuqqas ta' qbil rigward l-ammont dovut.

Minn banda wahda hemm is-socjeta' konvenuta All Seasons Holiday Limited li tilmenta illi x-xoghol ma sarx sewwa. Mix-xhieda ta' Dr. Pace Axiaq jirrizulta illi s-socjeta' attrici kellha taghmel diversi xoghlijiet. Din il-verzjoni tikkorobora dak illi afferma Reuben Buttigieg illi x-xoghol mistenni minnhom evolva aktar ma beda jghaddi z-zmien u s-socjeta' konvenuta bdiet tirrikjedi aktar servizzi. Minbarra dan il-partijiet kienu ftehmu illi s-socjeta' attrici kellha taghmel *business plan* ghas-socjeta' konvenuta u dan il-pjan kellu jigi sottomess lill-Bank sabiex is-socjeta' konvenuta tkun tista' tissellef aktar flus. Minbarra dan kien rikjest ukoll konsulenza rigward l-immanniggjar tal-kumpanija konvenuta. Kien hemm ukoll l-abbozzar ta' kuntratti ta' l-impjegati, payroll, l-Income tax, VAT returns u dan minbarra l-accounts li skond id-Direttur Charmaine Vella dan ix-xoghol kien jinkludi ukoll :

*"...il-preparazzjoni tal-karti tat-taxxi, il-preparazzjoni tal-invoices u l-posting ta' l-invoices, profit and loss."*[6]

Rigward il-Business Plan id-Direttur Dr. Pace Axiaq jghid hekk :

*"..Il-punt krucjali fuq x'hiex mhux qed naqblu ahna mal-kumpanija tal-Erremme Buisiness Advisors kienet li hu wieghed li l-kumpanija jgibha fuq saqajha u l-problemi li kien hemm fl-accounts li thallew lill-accountant ta' qabel jitrangaw. Mela parti mill-assistenza kienu li jaghmel business plan ghall-kumpanija biex imbaghad tkun tista' tigi pprezentata lill-bank, li fuqu seta' ikompluna bis-self, halli nkomplu l-operat taghna. Pero' vuoldiru meta wiehed jezamina l-business plan, ghalkemm kif ipprezentaha hu kien fiha sitta u hamsin pagna, qed tifhem, nofshom kienu annexes vuoldiri tabelli addizzjonali li speci ta' informazzjoni li tista' ssib, jigifieri ma kienx hemm xi hidma partikolari. L-introduzzjoni fuq il-qaghda finanzjarja globali, x'jista jaghmel wiehed ......meta inti taghsru....jkun hemm erba' pagni li fihom wiehed seta' jahdem, ghax l-affarijiet l-ohrajn kienu generali"*[7]

Il-Qorti izda tqis illi konkluzzjoni bhal din ma ghandhiex tinghata piz probatorju ghax hija gudizzju illi qed jintlahaq minn Direttur tas-socjeta' konvenuta illi qed tintalab li thallas u ghalhekk ma hix konkluzzjoni oggettiva. Barra minn hekk jirrizulta[8] illi dan l-ilment is-socjeta' konvenuta qajmitu bhala difiza wara illi giet

[6] Xhieda ta' Charmaine Vella , Seduta tat-13 ta' Jannar, 2016, a fol. 221 tal-process.
[7] A fol. 138 tal-process
[8] Mix-xhieda in kontro ezami ta' Charmaine Vella fis-seduta tad-29 ta' Mejju, 2019, a fol.376 tal-process

ipprezentata bil-kont mis-socjeta' attrici. Mill-provi mressqa minn imkien ma jirrizulta illi s-socjeta' konvenuta hadet xi passi legali kontra s-socjeta' attrici a bazi ta' l-allegazzjonijiet imqajjma minnha f'din il-kawza.

Difiza ohra sollevata mis-socjeta' konvenuta hija illi hija qed tintalab thallas ghal servizzi illi ma sarux u ohrajn illi saru tard. Charmaine Vella tghid illi dan l-agir sewa lill-kumpanija hafna ghax marret lura finanzjarjament. Tghid ukoll illi dan sewa danni kbar ghas-socjeta' konvenuta. Izda kif gia nghad fil-paragrafu precedenti ebda passi legali ma ttiehdu mis-socjeta konvenuta sabiex tirkupra l-allegati danni, anzi din l-allegazzjoni tqajjmet biss fl-istadju ta' difiza bhala gustifikazzjoni ghaliex ma thallasx l-ammont reklamat mis-socjeta' attrici.

Rigward it-tardivita ta' xoghol da parti tas-socjeta' attrici Reuben Bonnici jghid:

*"....hemm korrispondenza bejn Alexia King li tahdem fl-ufficju taghna u diversi persuni partikolarment Dottor Renzo Pace Axiaq minn All Seasons Holidays. Ir-raguni ta' din hija li qed naghtu ezampju ta' kemm-il darba ccejsjajna ghall-affarijiet min ghand il-kumpanija u l-kumpanija ma taghthomlniex jigifieri ahna kellna nahlu izjed hin biex insegwu l-affarijiet."*[9]

Jirrizulta infatti illi fis-7 ta' Awissu, 2012 Alexia King talbet lid-Direttur Charmaine Vella ghall-informazzjoni, liema nformazzjoni hija dentifikata kjarament fl-lista fl-istess korrispondenza sabiex hija tkun tista' tahdem fuq il-licenzja ta' impjieg ta' certu wahda Zhana Asenova. Jirrizulta wkoll illi sat-22 ta' Ottubru, 2012 din l-informazzjoni kienet ghadha ma nghatatx ghax l-istess Alexia King din id-darba kitbet li Dr. Pace Axiaq ghall-informazzjoni. Il-Qorti tinnota illi t-tardivita' jirrizuta illi kienet fuq in-naha tas-socjeta' konvenuta u mhux bil-kontra.

Korrispondenza ohra datata 28 ta' Lulju, 2012 tirrigwarda n-nuqqas ta' nies ta' hila fil-lukanda–

*"The hiccups as you call them come from this and from lack of knowledge and extremely bad communication. It is indeed frustrating for everyone that in many circumstances no one knows what was agreed with the individual employee including Alex himself. Last time I was there he himself did not know his own salary. And you expect us to know these things? Last week re Lawrenece you called expecting from us an immediate answer when we were still awaiting information from Alex. It only arrived after me chasing."*[10]

Fit-28 ta' Lulju, 2012 Dr. Renzo Pace Axiaq kiteb lil Reuben Buttigieg fejn qallu fost l-ohrajn:

*"....we need to sort out HR and the first thing required is to know exactly how to work wages.....Agreed that Alex is not the right person to do this job..."*

[9] Xhieda Reuben Buttigieg, seduta 16 ta' Jannar, 2015, a fol 123 tal-process.
[10] Faxxikolu ipprezentat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014.

Apparti l-fatt illi din il-kommunikazzjoni hija prova cara illi s-socjeta' attrici kienet qed tintalab tahdem fuq xoghol illi ma kienx dak miftiehem originarjament, il-Qorti tinnota wkoll illi din ix-xhieda taghti stampa illi tikkontrasta sew ma' l-istampa illi ttentat taghti Charmaine Vella meta affermat illi l-lukanda kienet miexja sewwa. Jirrizulta mix-xieda ta' Tracy Vella illi:

*"....l-accounts clerk li kien jigi kkonsultat qisu acountant kien gie promoss minn receptionist u ma kellu ebda esperjenza u lanqas kwalifika f'dan il-qasam."*[11]

Il-Qorti tinnota illi din il-prassi wzata mis-socjeta' konvenuta illi thaddem nies li ma jkunux kwalifikati ghax-xoghol mistenni minnhom kienet anke wzata mill-istess direttrici li tirreferi wkoll ghal Alex fix-xhieda taghha u tghid illi huwa kien l-assistent personali taghha[12], meta mill-korrispondenza u x-xhieda jirrizulta illi huwa kien ukoll inkarigat mir-rizorsi umani u mill-accounts. Il-Qorti tqis illi dan l-operat huwa wiehed perikoluz u jpoggi f'riskju l-attivita' ghax biex attivita' titmexxa 'l quddiem ma tistax taghmel dan b'nies illi ma jkollhomx l-gharfien necessarju ta' dak ix-xoghol partikolari. Ix-xhud Albert Falzon prodott mis-socjeta' konvenuta xehed hekk:

*" Ghawdex manager irid jaghmel xoghol ta' sitta, fejn Malta ghandek individwu ghal kull sezzjoni."* [13].

Hija l-fehma tal-Qorti izda illi n-nuqqas ta' hila twassal ghall-hsara u kif jirrizulta mill-korrispondenza ampja pprezentata dan in-nuqqas ta' hila ta' mpjegati maghzula mis-socjeta' konvenuta nnifisha kienet fattur sabiex ikun hemm il-problemi illi bdiet issib mis-socjeta' attrici meta bdiet taghti s-servizzi taghha.

Infatti mid-dokument esebiti jirrizulta wkoll illi Reuben Buttigieg informa lil Dr. Renzo Pace Axiaq b'din il-problema u anke tah il-lista ta' impjegati tas-socjeta' attrici illi kienu qeghdin jaghmlu xoghol in konnessjoni mas-socjeta' konvenuta[14]. Infatti ma' kull affidavit ipprezentat gie esebit "*time sheet*" illi jelenka l-ammont ta' hin uzat mill-impjegat koncernat kif ukoll ix-xoghol minnu mwettaq. Il-Qorti tqis din il-prova dokumetarja bhala prova mportanti stante illi l-informazzjoni minbarra taghti stampa cara ta' kemm gie utilizzat hin mis-socjeta' attrici sabiex tespleta l-inkarigu mistenni minnha, tindividwa x-xoghol li sar bicca bicca kif ukoll in-numru ta' nies illi kienu nvoluti f'dan ix-xoghol.

Fil-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet fil-kawza jissemma' wkoll nuqqas a kontabilita' fejn jidhlu dokumenti u mmanigjar tal-persunal. Il-Qorti tinnota illi n-nuqqasijiet msemmija semmiethom is-socjeta' attrici sabiex tigbed l-attenzjoni tas-

[11] Affidavit Tracy Vella , A fol 36 tal-process
[12] A fol 391 tal-process
[13] Xhieda ta' Alert Falzon a fol 330 tal-process
[14] Din il-prova hija korroborata minn Albert falzon fix-xhieda tieghu fis-seduta 16 ta' Mejju, 2014, a fol. 112 tal-process

socjeta' konvenuta. Hekk perezempju fil-korrispodenza tissemma' "*accounting software*" li hadd ma jaf juza[15]. Infatti mill-affidavit ta' Angele Borg jirrizulta illi:

*"Is-sistema ta' Accounting li sibna kienet allarmanti minhabba li kin jidher car li hafna xoghol ma kienx qed isir kif suppost. Fil-fatt, kien hemm hafna postings b'lura, ma kienx hemm bank reconciliations u lanqas creditors reconciliations fost l-ohrajn. Kien hemm dubju wkoll fuq l-cash u x'kien qed jigri minnu....Jidher li hadd ma kien jaf kif tahdem l-accounting system minkejja li kien qed isir posting go fiha"*.[16]

Ghalkemm is-socjeta' konvenuta tilmenta illi s-socjeta' attrici ma ghamiltx ix-xoghol miftiehem hija naqset illi tipprezenta evidenza li turi jew tidentifika xi lacuna mhollija mis-socjeta' attrici. L-ilment illi kien hemm rigward tardivita' effettivament irrizulta illi kien gej mill-fatt illi hafna mid-domandi posti mis-socjeta' attrici kienu qed jithallaw minghar risposta u ghalhekk in-nuqqas ta' informazzjoni kienet qed ixxekkel il-progess fix-xoghol[17]. Ma hix l-intenzjoni tal-Qorti li toqghod tindaga jekk id-dewmien fir-risposta kienx wiehed mahsub biex itellef lis-socjeta' attrici jew inkella kienx rizultat ghax effettivament l-informazzjoni ma kenitx tista' tinstab minhabba n-nuqqasijiet fl-immaniggjar ta' l-istess[18]. L-affidavit ta' Daryl David Caruana jaghti stampa cara ta' x'kienet is-sitwazzjoni li sab hu meta mar fuq il-post biex jahdem. Jghid illi l-bilanci li kienu fis-sistema kienu hziena. Kien hemm postings doppji ta' kredituri. Sab cekkijiet minghajr dettalji u ghalhekk kien difficli illi jalloka pagamenti. Kellu jintroduci sistema ta "Remittance Advice". Jafferma illi sab oppozizzjoni qawwija ghal din l-intrduzzjoni. Kien hemm suppliers illi ma setghux jigu jdentifikati ghax kienu mnizzlin bil-laqam flok b'isimhom. Jghid illi kien hemm pagamenti lil Joe Vella li ma kienx mgharraf fejn kellu jirregistrahom. Mill-assjem tax-xhieda l-istampa illi tohrog tas-socjeta' konvenuta ma hix wahda felici. Il-Qorti qabblet il-verzjoni moghtija fl-affidavits u fix-xhieda tal-impjegati tas-socjeta' attrici mal-korrispondenza esebita u ma sabet ebda divergenza jew kontradizzjoni bejn it-tnejn. L-istampa illi tohrog hija wahda konsistenti u tikkontradixxi l-verzjoni moghtija minn Charmaine Vella. Il-Qorti tinnota wkoll illi anke Dr. Pace Axiaq irrikonoxxa l-problemi illi kellha s-socjeta' konvenuta u dan jirrizulta mill-korrispondenza bejnu u bejn Reuben Buttigieg. Il-Qorti tqis li fid-dawl tal-provi kollha prodotti l-istat dizastuz li tilementa dwaru Charmaine Vella ma jistax jigi mputat lis-socjeta' attrici. Dan qed jinghad aktar u aktar meta fl-istess korripondenza msemmija aktar 'il fuq u li tinsab fil-faxxikolu pprezentat is-socjeta' attrici, issir referenza wkoll ghall-*audit* ghas-snin 2011 u 2012 kif ukoll issir referenza ghar-rapport ta' l-awditur ta' 2011. Il-Qorti fliet tali rapport u minnu jirrizulta illi l-awditur iddikjara :

---

[15] Affidavit ta' Daryl Caruna A fol 52 tal-process fejn jghid : " Bdejna nahdmu fuq software ta accounting (Theova) li hadd fil-kumpanija ma kien jaf juza."

[16] Affidavit, A foll 38 tal-process

[17] Xhieda Alexia King A fol 32 tal-process, u Albert Falzon seduta 12 ta' Gunju, 2018, a fol 330 tal-process, kif ukoll il-korrispondenza li ghaddiet bejn Alexia King u Dr. Pace Axiaq fis-6 ta' Dicembru, 2012, u il-korrispondenza bejn Reuben Buttigieg u Charmaine Vella u Dr. Pace Axiaq fl-4 ta' Frar, 2013, esebiti fil-faxxikolu ipprezentat fis-seduta tas-17 ta'Marzu, 2014.

[18] Xhieda Albert Falzon, seduta 12 ta' GUnju, 2018, a fol 344 tal-process

*"The company's opening balances for the year on which I am reporting, commencing on 1 January, 2011, have not been audited by me and reliance has been placed on previous auditors for these baalnces.*

1. *Due to the act that I was appointed after the year end I was unable to verify the values and existance of closing inventory included in the statement of financial position at year end amounting to €6905.*
2. *The evidence available to me was limited, also by the limited knowledge of the accounting system by the staff of the company which has resulted in restricted internal control procedures and there were no practical audit techniques by which to determine the effect of the limitation.*
3. *Though the bank balances are reconciled with the bank report, we could not evidence certain transactions in the statements. Due to the limited information provided to me, I had to rely on the directors' confirmation of transaction descriptions and no other alternatrive procedure could be undertaken to independantly confirm such transactions.*
4. *Further limitation in the collection of evidence was also encountered with regards to certain Statement of Comprehensive Income items."*

Ikompli jiddikjara illi:

*"Because of the possible effect of the limitation in evidence available to me, I am unable to form an opinion as to whether the financial statements give a true and fair view of the state of teh company's affairs as at 31 December, 2011 or of its loss for teh year then ended."*

Fil-fehma tal-Qorti dawn id-dikjarazzjonijiet huma mportanti hafna ghax ghal darb'ohra jaghtu stampa ta' l-istat tal-finanzi tas-socjeta' konvenuta liema stampa hija ghal kollox differenti minn dik li tipprova taghti Charmaine Vella aktar u aktar meta x-xhieda ta' din id-Direttrici hija bbazata fuq l-opinjoni taghha biss liema opinjoni ma hix sostnuta minn provi oggettivi. Filwaqt li din ix-xhud issemmi kumpanija ohra illi dahlet wara s-socjeta' attrici u li skont hi din riskontrat it-tahwid li skont hi halliet is-socjeta' attrici, naqset milli tipproduci lil din il-kumpanija sabiex tipprova l-allegazzjoni taghha.

Il-Qorti tqis ghalhekk illi s-socjeta' attrici rnexxiela tipprova sal-grad li trid il-ligi li x-xoghol minnha sar. Kien jinkombi fuq is-socjeta' konvenuta illi ggib provi li x-xoghol ma sarx jew jekk sar, sar hazin. Mill-atti jirrizulta biss l-allegazzjonijiet vantati mid-Diretturi Dr. Renzo Pace Axiaq u d-Direttrici Charmaine Vella, izda l-verzjonijiet taghhom ma humiex korroborati minn xhieda teknika oggettiva. Jirrizulta illi anke fejn ma kienx hemm qbil fuq il-Business Plan dan kien gej mill-fatt illi kien hemm rezistenza ghall-bidla.

Matul il-kawza ssemmew ukoll kuntratti ta' impjegati li allegatament saru hazin u li kien fihom addirittura klawsola llegali. Dawn il-kuntratti gew redatti mis-socjeta' attrici. Il-Qorti analizzat il-korrispondenza li ghaddiet bejn il-partijiet fejn jirrizulta li fid-9 ta' Awissu Reuben Buttigieg informa lil Dr. Pace Axiaq illi l-kuntatt ta' impjieg

ta' Zahna li kien sar mis-socjeta' attrici gie mibdul minn Albert Falzon. Dan il-fatt ma gie bl-ebda mod kontrastat minn Dr. Pace Axiaq. Il-Qorti tqis ghalhekk illi s-socjeta' konvenuta ma ppruvatx din l-allegazzjoni u ghalhekk il-Qorti ser tiskartaha. Madankollu l-Qorti ma tistax ma tikkummentax illi allegazzjonijiet bhal dawn ma jservu ghalxejn hlief biex itellfu mill-kjarezza tal-fatti.

L-istess jinghad rigward dak li gie allegat minn Charmaine Vella fil-konfront tas-socjeta' attrici u cioe' illi din kellha l-intenzjoni li tqarraq. Wara li ezaminat id-dokumenti kollha esebiti u x-xhieda din il-Qorti difficilment taccetta l-proposizzjoni ta' din id-Direttur ta' l-ezistenza ta' ingann adoperat mis-socjeta' attrici fil-konfront taghha. Premess dan, it-*thema probandum* fil-kaz tal-allegazzjoni hu dak illi s-socjeta' konvenuta kellha ggib 'il quddiem u ssostni l-fatti allegati minnha, u hekk rilevanti ghall-fini tad-decizjoni, illi, tabilhaqq, l-attrici jew l-impjegati taghha kienu professjonalment negligenti fil-qadi ta' dmirijiethom. Hi kellha turi li kien hemm dik maghrufa bhala kolpa omissiva u tan-nuqqas ta' ezercizzju ta' dak id-dover li jagixxu biex iharsu l-interessi taghha.

Fuq l-istess linja l-Qorti ta' l-Appell ikkonkludiet illi "**Ma ghandniex xi nghidu illi r-responsabilita' tal-professjonist ghad-danni trid tigi ezaminata fuq l-istregwa tad-dmirijiet inerenti ghall-izvolgiment ta' l-attivita' tieghu. In partikulari, id-dover tad-diligenza, u li skont ir-regola komuni, ex-Artikolu 1132 Kodici Civili trid dejjem tigi ezercitata skont il-mudell tal-*bonus paterfamilias*. Dan qieghed jigi hekk rilevat b'certa insistenza in kwantu hu proprju dan il-mutur guridiku li jixpruna l-adempiment ta' l-obbligazzjonijiet fil-kuntratti. Inghad a propozitu minn din l-istess Qorti illi "r-riferiment ghal dan il-mudell kellu ghall-appellanti jittraduci ruhu b'mod li hu jadempixxi l-obbigazzjonijiet tieghu skont in-natura tal-prestazzjoni minnu rikjesta u li jesegwixxi dik il-prestazzjoni skont il-kwalita' partikolari ta' l-attivita' mitluba minnu. Dan b'mod professjonali u skont dik l-abbilta' teknika ghall-espletar tal-mansjoni determinata affidata lilu. F'din l-ezekuzzjoni kien dejjem, imbaghad, mistenni minghandu li jhares l-interessi tal-konvenut, fis-sens illi r-rendiment tieghu jaghti rizultat utli". Ara "David Kent Watson -vs- Margaret Agius", 12 ta' Dicembru, 2008**[19]".

Issa fil-kaz prezenti, wara li l-Qorti fliet l-provi kif imiss ma rrizulta l-ebda negligenza professjonali. Il-konsiderazzjonijiet li jsahhu dan il-konvinciment fil-Qorti jemanu mill-fatt illi l-Qorti ma rravvizat ebda **animus decipiendi** fl-impjegati jew diretturi tas-socjeta' attrici, esternat f'raggiri jew f'manuvrar ta' xi falza rapprezantazzjoni biex is-socjeta' konvenuta tfalli. Il-prova ta' l-ingann, kif sostnut mid-dottrina legali, tirrikjedi rigur specjali, tant li ma jibbastawx is-semplici nduzzjonijiet jew presunzjonijiet. Fil-kaz prezenti l-kredibilita' ta' l-impjegati tas-socjeta' attrici jew tad-Direttur Reuben Buttigieg mhix sospetta ta' agir ingannevoli. Dan qed jinghad ukoll fid-dawl ta' dak illi stqarret Charmaine Vella f'korrispondenza mibghuta lil Reuben Buttigieg fl-ahhar ta' Lulju, 2018 meta nfurmatu illi:

---

[19] Anatole Baldacchino vs Baby World Limited , Appell Civili, deciza 6 ta' Ottubru, 2010

*"I hope you understand how precious you are to the Company...".* [20]

Tenut kont ta' l-assejm tal-provi prodotti u in assenza ta' indizji gravi l-Qorti mhix perswasa li ghandha taccetta l-verzjoni moghtija minn din id-Direttur u dan minhabba l-kontradizzjoni lampanti bejn dak illi xehdet u dak illi jirrizulta.

Fid-dawl ta' dan kollu l-Qorti tqis illi x-xoghol kif miftiehem bejn il-partijiet sar u ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici. Dan qed jigi rilevat ghaliex, fil-kumpless, u fuq il-fehma tal-Qorti, il-hidma professjonali prestata mis-socjeta' attrici fl-espletazzjoni ta' l-inkarigu lilha affidat, apparti li waslet ghal rizultat utli, ankorke mhux ghal kollox fil-parametri ta' l-aspetattivi tas-socjeta' konvenuta, kienet wahda ta' adempiment ta' assistenza u ta' prestazzjoni kontinwativa u ko-ordinata. F'dan kollu ma kellux jonqos li jittiehed in konsiderazzjoni "**l'importanza dell'opera prestata e del tempo che l'attore ha impiegato**'[21] . Mill-atti tirrizulta l-partecipazzjoni attiva tas-socjeta' attrici u l-impjegati taghha, inkluz laqghat illi saru bejn Reuben Buttigieg u d-Diretturi tas-socjeta' konvenuta. Gew prodotti provi tad-diffikultajiet riskontrati, kif ukoll, in generali, dawk l-assistenzi varji liema jirreferu ghalihom kemm Reuben Buttigieg kif ukoll l-impjegati tas-socjeta' attrici fix-xhieda moghtija kif ukoll evidenzjat mit-*time sheets* esebiti.

Fil-fehma tal-Qorti ma jistax ikun qatt dubitat in linea ta' principju illi, sakemm il-prestazzjoni ma tkunx wahda gratuwita, min jippresta s-servizzi tieghu taht kwalsiasi forma, ghall-vantagg ta' haddiehor, hu ntitolat li jigi retribwit. Dan in omagg ghall-principju illi **omnia labor, optat premium**. Tenut rigward ta' l-elementi probatorji determinanti fil-kaz konkret, jispetta lill-apprezzament ghaqli tal-Qorti fil-mertu, u lill-valutazzjoni libera taghha, kemm ghandu jkun il-kwantum ta' dik ir-retribuzzjoni in linea mal-provi mressqa. Fil-fehma tal-Qorti l-qofol tal-kwestjoni qieghed fuq l-arrangament ezatt li sar bejn il-partijiet. Billi dan l-arrangament ma jirrizultax minn xi kuntratt iffirmat, il-Qorti kellha tgharbel sewwa l-korrispondenza kopjuza illi ghaddiet bejn il-partijiet sabiex tiddetermina l-parameteri ta' l-arrangament li kien hemm beniethom.

Jirrizulta dunque mix-xhieda ta' Charmaine Vella[22] li kien dovut zewg hlasijiet lis-socjeta' attrici – wahda tal-konsulenza u l-ohra tal-*accountancy*. Din il-verzjoni hija korroborata minn Alexia King, impjegata tas-socjeta' attrici[23] fejn iddikjarat illi:

*"Bazikament kien hemm zewg retainers ... Kien hemm retainer ta' eight hundred plus VAT monthly li kienet tal-konsulenza tad-Direttur Erremme Reuben Buttigieg ...Kien hemm ukoll retainer ta' two hundred eighty."*

---

[20] Email datata 28 ta' Lulju, 2018, fil-faxxikolu esebit waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014.
[21] Nutar Vincenzo G. Gioioso vs Carmelo Pulis" Appell, 27 ta' Novembru 1908
[22] Xhieda fis-seduta tat-13 ta' jannar, 2016, a fol 223 tal-process
[23] Xhieda fis-seduta tal-14 ta' Marzu, 2014, a fol 73 tal-process

Is-socjeta' atrrici qed tippretendi l-hlas tas-somma erbgha u ghoxrin elf, mija hamsa u disghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€24,195.68). Jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta tramite d-Direttur Charmaine Vella jidrilha illi l-ammont dovut huwa ta' tlett elef ewro (€3000). Madankollu ebda prova ma ressqet dwar kif waslet ghal dan l-ammont u ghalhekk il-Qorti tqis tali affermazzjoni bhala mhux sostnuta u ser tiskartaha.

Barra minn hekk Dr. Pace Axiaq, illi kif diga' inghad huwa direttur tas-socjeta' konvenuta wkoll jasal ghall-ammont differenti minn dak pretiz mill-attrici u minn naha tieghu jipprezenta dokument ta' kif wasal ghall-ammont li skont hu huwa dovut. Dan in-nuqqas ta' qbil bejn id-direttur nnifishom ma jghin xejn l-argumenti tad-difiza. Mhux hekk biss izda l-Qorti tinnota wkoll illi mill-kalkoli pprezentati minn Dr. Pace Axiaq thallew barra l-ammonti pretizi mill-attrici u li jirrapprezentaw xoghol illi sar oltre dak kopert bl-ammont maqbul inizjalment. Di fatti jirrizulta u dana anke mix-xhieda tad-Diretturi tas-socjeta' konvenuta kif ukoll mill-korrispondenza esebita li s-socjeta' attrici kienet mistennija illi tiehu hsieb l-*accounting records* tal-kumpanija, taghmel *book keeping*, tirredatta kuntratti ta' impjieg, taghmel *Business plan* kif ukoll taghti konsulenza manigerjali. Irrizulta wkoll illi kien hemm xoghlijiet adizzjonali illi saru fuq talbiet *ad hoc* mill-kumpanija konventa. Tenut kont ta' dan kollu l-Qorti tqis li l-ammonti msemmija minn Charmaine Vella u Dr. Renzo Pace Axiaq ma jirriflettux dak dovut u ghalhekk ser tghaddi biex tiskartahom.

Mill-kumpless tal-provi u l-ezami l-aktar akkurat li setghet taghmel din il-Qorti, hi sodisfatta li ghandha tiffavorixxi ferm aktar il-verzjoni tas-socjeta' attrici illi s-servizzi mifthiema u pretizi gew esegwiti. Ic-cirkostanza l-aktar fundamentali li ssahhah il-konvinciment tal-Qorti dwar dan l-aspett hi dik li d-diretturi tas-socjeta' konvenuta ma ressqu ebda prova li ssahhah dak illi allegaw. Hafna mix-Xhieda ta' Charmaine Vella sa fejn jirrigwardaw danni hija bbazata fuq x'intqal lilha u dan apparti li partijiet mix-xhieda tikkontradixxi l-fatti li xehed dwarhom Dr. Pace Axiaq. Barra minn hekk il-Qorti tqis illi l-pagamenti li saru mis-socjeta' konvenuta jikkostitwixxu ammissjoni li kienet konsapevoli li kien ghad hemm bilanc dovut lejn l-attur.
Rigward l-ammont pretiz mill-attrici jirrizulta illi kien hemm kontestazzjoni dwar l-ammonti nkluzi fis-somma pretiza u li jirrapprezentaw ikel, xorb, akkommodazzjoni u vjaggar bil-vapur. B'reazzjoni ghall-eccezzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta Reuben Buttigieg xehed illi huwa lest li ma jibqax jinsisti ghal dan l-ammont kontestat *purche* dan huwa l-uniku punt ta' kontestazzjoni[24]. Pero' mill-atti rrizulta li s-socjeta' konvenuta kellha punti ohra fejn qed tikkontesta l-ammont u ghalhekk il-Qorti tifhem illi s-socjeta' attrici fid-dawl ta' dan qed izzomm ferm il-pretensjoni taghha ghall-hlas kollu.

Min-naha taghha s-socjeta' konvenuta ma attakkatx id-dritt li jintalbu rifuzjonijat tat-tragitti imma kkontestat il-kwantu taghhom u affermat permezz tad-Direttur Dr. Pace Axiaq illi hemm hlasijiet li ma humiex dovuti ghax doppji jew ghax jinkludu t-tragitti tat-tfal kif ukoll akkwisti mill-kiosk illi hemm fuq il-vapur kif ukoll ikel u xorb. Min-naha taghha l-Qorti tqis illi gia la darba s- servizz ried jinghata gewwa Ghawdex

[24] Xhiedha in konro ezami ta Reuben Buttigieg, seduta 12 ta' Gunju, 2018, a fol. 358 tal-process.

isegwi logikament illi wiehed kien ser jkollu jaqsam il-fliegu u ghalhekk gia la darba gie stabbilit li xoghol li kellu jsir Ghawdex sar, l-ispiza tat-tragitt ghandha tithallas mis-socjeta' konvenuta. L-istess ma jistax jinghad izda, ghall-ikel u l-ispejjez mahruga mis-socjeta' attrici biex tkopri ikel u nbid f'ristoranti diversi u ghalhekk dawn l-ispejjez ghadhom ikunu a karigu ta' l-istess socjeta' attrici. Li jrid jigi deciz huwa l-kwantum ta' dawn il-hlasijiet. Il-Qorti fliet sewwa r-rendikont ta' l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici esebit mar-rikors guramentat[25]u kkonfrontatu mal-fatturi pperzentati fil-parti 7 tal-faxxikolu pprezentat fis-seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014 liema rendikont jinkludi wkoll dak ta' l-awditur Robert Borg.

Ghalkemm f'kazijiet ta' din ix-xorta tintervjeni mizura ta' diskrezzjonalita' fil-valutazzjoni tal-provi, il-Qorti izda in omagg ghall-principji ta' *arbitrium boni viri* u l-gustizzja sostanzjali li huma ghodda siewja ghas-soluzzjoni idoneja tal-kwistjoni bejn il-partijiet, ivvalutat il-provi kollha mressqa u analizzat l-ammonti dikjarati dovuti mis-socjeta' attrici. Mill-atti jirrizulta illi huwa pacifiku bejn il-partijiet illi l-perjodu li matulu sar ix-xoghol kien minn Jannar 2012 sa Dicembru, 2012. Huwa pacifiku wkoll illi l-hlas mensili kellu jkun ta' mitejn u tmenin ewro (€280.00) *retainer* biz-zieda tal-VAT kif ukoll tmien mitt euro (€800) biz-zieda tal-VAT ghall- konsulenza[26]. Dawn l-ammonti maghdudin flimkien izda ma jinkludux hlasijiet addizzjonali ghal xoghol pprestat li jmur oltre dak miftiehem inizjalment u li gie pprovdut wara talbiet illi saru mis-socjeta' konvenuta *ad hoc* mat-trapass taz-zmien. A bazi ta' dan ghalhekk il-Qorti tikkonkludi illi s-somma dovuta kull xahar minn Jannar sa Dicembru, u li tkopri r-retainer u l-konsulenza kellha tkun ta' hmistax–il elf mitejn tnejn u disghin ewro u tmenin centezmu (€15, 292.80). Ma' din is-somma jrid jizdied l-ammont dovut ghal xoghol rikjest oltre dak miftiehem. L-ammont dovut ghal dan ix-xoghol huwa ta' tnax–il elf mitejn u erbghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€12,240.68)[27], li jgib it-total dovut lis-socjeta' attrici ghal sebgha u ghoxrin elf hames mija tlieta tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€27,533.48). Minn dan l-ammont iridu jitnaqqsu l-flus dovuti mis-socjeta' attrici lil dik konvenuta, liema ammonti gew identifikati minn Dr. Renzo Pace Axiaq, kif ukoll hlasijiet diga' effetwati mis-socjeta' konvenuta[28].

Ai fini ta' korretezza u kjarezza meta l-Qorti ghaddiet sabiex tanalizza dak li hu dovut mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta rrizulta illi fil-kont ipprezentat mis-socjeta' attrici hemm ammont ta' elf, tliet mija tnejn u ghoxrin ewro u disghin centezmu (€1322.90) identifikata bhala "Erremme stay at hotel in October – receipt 1250", izda l-ircevuta ghal din is-somma jirrizulta illi giet rilaxxata mis-socjeta' attrici ghall-hlas illi nghata ghal "*professional fees*". Huwa minnu wkoll illi s-socjeta' attrici ma hix qed tippretendi dan il-hlas stante illi hija naqqsitu mill-ammont li qed tippretendi minghand is-socjeta' konvenuta[29].

---

[25] A fol 4 tal-process

[26] Total ta' 280 + 800 + 50.4 (VAT) + 144 (VAT) = €1274.40 fix-xahar.

[27] Dan l-ammont jirrizulta mill-fatturi emessi, u pprezentati fl-atti fil-faxxikolu li ghalih saret ampja referenza minn din il-Qorti.

[28] Dan il-hlas jirrizulta illi sar mill-istatement ipprezentat mis-socjeta attrici a fol 4 tal-process li jammnontaw ghal €4726.00

[29] Dan jirrizulta mill-istatement ipprezentat mis-socjeta attirici fil-faxxikolu msemmi

Pero' jirrizulta wkoll illi s-socjeta' attrici ghad trid thallas lis-socjeta' konvenuta ghas-soggorn fil-lukanda. B'riferenza ghal dan il-Qorti taghmel referenza ghall-kont rilaxxat mis-socjeta' konvenuta illi jkopri diversi okkazzjonijiet fejn is-socjeta' attrici tramite dipendenti taghha okkupat kmamar fil-lukanda. Dan il-kont li jammonta ghal tlett elef, seba' mija tnejn u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€3,792.35) jinkludi wkoll akkommodazzjoni li saret minn terzi u li Reuben Buttigieg talab illi l-kont jithallas mis-socjeta' attrici. Kif gia nghad dan l-ammont irid jitnaqqas mill-ammont msemmi ta' sebgha u ghoxrin elf hames mija tlieta u tletin ewro u tmienja u erbghin centezmu (€27,533.48). Dan it-tnaqqis igib total ta' tlieta u ghoxrin elf, seba' mija, wiehed u erbghin ewro u tlettax–il centezmu (€23,741.13). Minn din is-somma l-Qorti ser tnaqqas is-somma ta' elf mija u hamsin ewro u hamsin centezmu (€1150.50) li tirrapprezenta kontijiet ta' l-ikel u xorb kif ukoll tragitti tat-tfal bejn il-gzejjer u xiri ta' fuel[30] kif ukoll l-ammont erbat elef seba' mija sitta u ghoxrin ewro (€4,726) rapprezentatnti hlasijiet gia effetwati . Dan it-tnaqqis ihalli bilanc ta' sbatax–il elf, tmien mija erbgha u sittin ewro u tlieta u sittin centezmu (€17,864.63) li jirrapprezenta s-somma dovuta s-socejta' attrici ghax-xoghol prestat minnha fil-perjodu gia ndikat fil-paragrafu ta' qabel dan.

Rigward it-tieni talba tas-socjeta' attrici sabiex din il-Qorti tiddikjara lid-diretturi tas-socjeta' konvenuta responsabbli ghall-ammont dovut u dana minhabba qerq da parti taghhom, il-Qorti ser tghaddi sabiex tichad din it-talba ghall-istess ragunijiet illi nghataw aktar 'il fuq u sewwa sew minhabba l-fatt illi ebda prova ma ngabet illi dawn id-Diretturi cioe' Charmaine Vella u Dr.Renzo Pace Axiaq kienu qarrieqa fl-agir taghhom. Il-Qorti ma rriskontrat ebda xrara ta' prova dwar din. In-nuqqas ta' amministrazzjoni bil-ghaqal ma jammontax ghall-qerq ghalkemm jista' jservi ta' bejta ghalih. Madankollu kif diga' nghad il-Qorti ma tistax tasal ghall- konkluzzjonijiet ibbazati fuq allegazzjonijiet biss.

**DECIDE.**

Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara lis-socjeta' konvenuta debitrici tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sbatax–il elf tmien mija erbgha u sittin Ewro u tlieta u sittin centezmu ( €17,864.63);

2. Tichad it-tieni talba;

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna lis-socjeta' konvenuta sabiex thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax–il elf tmien mija erbgha u sittin Ewro u tlieta u sittin centezmu (€17,864.63), bl-imghax legali mid-data ta' din is-sentenza.

4. Tichad ir-raba talba.

[30] Dawn l-ammonti jirrizultaw mill-kopji ta' biljetti tal-vapur u ricevuti fiskali u tal-visaipprezentati fil-faxxikolu.

Tordna li l-ispejjez kollha ta'` din il-kawza ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

Dr. Brigitte Sultana
Magistrat

Maureen Xuereb
D/Registratur